**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 10 ta' Jannar 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 52/2019 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 1261/1976)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fl-20 ta' Gunju 1976 u minn dan iz-*zwieg *kellhom tlett ulied;*

[1] Fol. 1.

2. *Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u/jew minabba li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabilment;*

3. *Illi ma hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u l-esponent giet debitament awtorizzata biex tipprocedi b'din il-kawza;*

4. *Illi ghalhekk qed issir din il-kawza;*

5. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom irrikorrenti personalment;*

*Ghaldaqstant in vista tal-premessi, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tigi pronunzjaata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut t'abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kontra l-esponent u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;*

2. *Tiffissa retta alimentarja ghaliha u tordna lil konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita ghaliha skont il-Ligi kif ukoll tordna li l-istess manteniment jizdied annwalment sabiex iz-zieda taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Tordna illi dawn l-alimenti jigi mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwlaunkwe beneficcju li qed jippercepixxi u jigu ddepozitati f'kont indikat mir-rikorrenti;*

3. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-stess oggetti formati parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-konvenut jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skond il-Ligi u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess;*

4. *Tapplika kontra zewgha interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u Artikolu 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

5. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas u jikkonsenja lill-attrici skont il-kaz il-krediti u l-proprjeta' parafernali;*

6. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija mnn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din il-Qorti waqt il-medjazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-konvenut ġie debitament notifikat nhar it-28 ta' Mejju 2019,[2] u ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fejn eċċepixxa:[3]

1. *Illi l-intimat m'huwiex jopponi għat-talba li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, pero' din is-separazzjoni mhijiex b'tort imputabbli lilu, iżda dak tar-rikorrenti, hekk kif ser jiġi spjegat tul il-perkors tal-proċeduri;*

2. *Illi għar-raġuni suesposta, ssir oggezzjoni għar-raba' talba u għaldaqstant l-intimat jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tornda interament jew in arti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u Artikoli 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili kontra r-rikorrenti;*

3. *Illi l-intimat joggezzjona bi shih it-tieni talba tar-rikorrenti sabiex jigi stabbilit retta alimentarja ghaliha u dan ghaliex mhuwiex f'posizzjoni finanzjarja li jista' jħallas manteniment u izjed minn hekk, ir-rikorrenti qiegħda tgħix ma' raġel ieħor;*

4. *Illi m'hemmx oġġezzjoni għat-tielet talba, u ċioe għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, biss fejn tidħol il-kwistjoni*

[2] Fol. 20.
[3] Fol. 22.

*ta' min hu ħati tal-firda, kif tali kwistjoni tiġi determinate, min jinstab ħati tal-firda jitlef kull jedd għal kull akkwist magħmul bil-ħila tal-parti li ma kellhiex ħtija;*

5. *Illi l-ħames talba ma treġix għaliex ma jezistux krediti jew proprjetajiet parafernali bejn il-partijiet;*

6. *Illi m'hemmx oġġezzjoni għas-sitt talba.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngnta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tas-26 ta' Diċembru 2018,[4] fejn il-Qorti għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-attriċi biex tipproċedi b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[5] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi,[6] u n-nota responsiva tal-konvenut;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[8]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

[4] Fol. 11.
[5] Maħtura għal tali fini nhar l-4 ta' Lulju 2019, a fol. 25.
[6] Fol. 281.
[7] Fol. 287.
[8] Fo. 280.

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-attriċi li għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, jinqata' direttament mill-introjtu jew kwalsiasi dħul tal-intimat u konsegwentament jiġi depożitat f'kont indikat mill-attriċi;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-konvent għandu jħallas u jikkonsenja lill-attriċi l-krediti u l-proprjeta' parafernali;

5. Tordna r-reġistrazzjoni ta' din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jaqbel li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali iżda jisħaq li r-responsabbilita' għandha tkun imputabbli lill-attriċi u b'hekk is-sanzjonijiet elenkati fil-liġi għandhom jiġu applikati fil-konfront tagħha. Il-konvenut lanqas ma joġġezzjona għat-terminazzjoni, likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, madanakollu joġġezzjona li jħallas manteniment għall-attriċi.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

<u>*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*</u>

Fl-affidavit tagħha,[9] l-attriċi tikkontendi illi huma kienu għamlu tlett (3) snin għarajjes u żżewġu fl-20 ta' Ġunju tal-1976. Wara ż-żwieġ, il-partijiet dejjem marru jgħixu f'residenzi bil-kera, fejn l-aħħar dar matrimonjali kienet *"X, X Street, Paola"*, liema dar għadha tgħix fiha l-attriċi waħedha hekk kif il-konvenut telaq minn hemm nhar il-11 ta' Ottubru 2012. Jingħad illi minn tali żwieġ, il-partijiet kellhom tlett (3) itfal, fejn tnejn (2) minnhom huma maġġorenni u l-oħra bi sfortuna għaddiet għal ħajja aħjar.

L-attriċi tikkontendi li matul iż-żwieġ il-konvenut kien għamel snin twal jaħdem mal-korpi mbagħad mar jaħdem mal-privat, filwaqt li hi qatt ma ħadmet. Jingħad li sa minn meta żżewġu, l-attriċi kienet taf li l-konvenut kien iħobb jixrob imma kien kapaċi jikkontrolla, iżda maż-żmien il-problema iggravat tant li fi żmien għaxar (10) snin minn meta żżewġu, il-konvenut kien ikun kuljum xurban. Il-konvenut kien jirrifjuta li jfittex l-għajnuna, u dejjem irrifjuta li jattendi għal xi programm meta kkuntattjawh mill-Aġenzija. Għaldaqstant, l-attriċi tgħid illi hija kienet tbaxxi rasha biex iżżomm il-paċi. Nelfrattemp, nhar l-24 ta' Ġunju 2009, binthom Judith kienet mietet minħabba marda fil-pulmun li kienet qabditha meta kellha erba' (4) snin u l-attriċi tikkontendi li l-konvenut kien ilu żmien twil jgħidilha li appena tmut binthom huwa kien ser jitlaq mid-dar.

Fil-fatt il-konvenut telaq mid-dar nhar il-11 ta' Ottubru 2012, u ma marx lura d-dar. L-attriċi tikkonferma li l-partijiet ma għandhom xejn in komuni, la bini, la karozzi u lanqas flus il-bank, iżda hija konsapevoli li l-konvenut ħa s-somma li l-Gvern jagħti lill-korpi. Madanakollu tgħid li meta telaq mid-dar, kellhom pendenza ta' €4,000 f'kontijiet tad-dawl u ilma, li minnhom l-attriċi ħalset €300 iżda l-bqija għadhom mhux imħallsa. Madanakollu tgħid li hija kienet ħallset €1,400 lis-sid tal-post, għall-kera b'lura.

Sabiex issaħħaħ il-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

i. <u>*Ix-xhieda ta' Antonella Aquilina in rappreżentanza tad-*Dipartiment tat-*Teżor*</u>,[10] li kkonfermat li mill-2010 sal-2020 ma kien hemm l-ebda pagament li tħallas lil konvenut;

ii. <u>*Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*</u>,[11]

[9] Fol. 27.
[10] Fol. 44a.
[11] Fol. 60.

fejn ippreżentat *statements* bankarji: (i) tal-attriċi bin-numru 40021911581 bħala *savings account,*[12] u (ii) tal-konvenut bin-numru 40020292735 bħala *savings account.*[13]

iii. *Ix-xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc,*[14] li ppreżentat *statements* bankarji ta' tlett (3) kontijiet konġunti: (i) bin-numru 087069720050 bħala *savings account,*[15] (ii) 087069720300 bħala *loan account*, u (iii) 087069720001 bħala *current account*. Ix-xhud tgħid li f'dawn il-kontijiet ma kien hemm l-ebda ċaqliq mill-2011, iżda mill-aħħar żewġ kontijiet għad hemm bilanċ dovut lil bank fl-ammonti ta' €7,505.53 u €1,261.80;[16]

iv. *Ix-xhieda ta' Glenn Magro in rappreżentanza ta' HSBC Life,*[17] li jikkonferma li l-partijiet ma kienux klijenti tal-HSBC Life;

v. *Ix-xhieda ta' Patrizia Salerno in rappreżentanza ta' APS Bank,*[18] li tikkonferma li l-partijiet ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-imsemmi bank;

vi. *Ix-xhieda ta' Roseanne Abela Wadge in rappreżentanza ta' BNF Bank,*[19] li tikkonferma li l-partijiet ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-imsemmi bank;

vii. *Ix-xhieda ta' Reuben Bonnici in rappreżentanza ta' ARMS Ltd,*[20] li ppreżenta: (i) l-aħħar kont pendenti bil-kont numru 101000242657 f'isem il-konvenut fuq l-indirizz 57, Triq il-Melita, Raħal il-Ġdid, fl-ammont ta' €4,447.15,[21] (ii) prospett relattiv tal-istess kont,[22] u (iii) estratt tal-pagamenti li saru fuq l-istess kont;[23]

---

12 Fol. 63.
13 Fol. 115.
14 Fol. 60.
15 Fol. 135.
16 Fol. 232.
17 Fol. 60.
18 *Ibid.*
19 Fol. 243.
20 Fol. 250.
21 Fol. 252.
22 Fol. 254.
23 Fol. 260.

viii. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali,*[24] fejn ippreżenta dokument bil-benefiċċji li pperċepixxa l-konvenut, ċjoe' pensjoni taż-żewġ terzi u għajnuna tal-mard,[25] u dokument ieħor bil-benefiċċji li pperċepiet l-attriċi, ċjoe' għajnuna tal-qagħad, pensjoni taż-żewġ terzi, pensjoni tal-eta', *deficiency contribution bonus, supplementary allowance* u għajnuna tal-mard;[26]

ix. *Kontro-eżami tal-konvenut,*[27] fejn jikkonferma li meta telaq mid-dar kien hemm xi żewġ kirjiet mhux imħallsa u kont tad-dawl u ilma. Jikkonferma ukoll li meta weġġa fuq il-post tax-xogħol, l-attriċi kienet iddur bih billi teħodlu l-affarijiet l-isptar u tarah, iżda kienet toħroġ ukoll is-Sibt u l-Ħadd u matul il-ġimgħa xi *coffee morning*. Jispjega li hu kien jaħdem u l-paga kienet qed isservih biex iħallsu d-dejn u li l-attrici kienet tiddobba xi flus għall-inbid u t-tombla;

x. *Kontro-eżami ta' D E,*[28] fejn tikkonferma li missierha kien jixrob flixkun inbid kuljum ma' flixkun luminata, wara ġurnata xogħol. Tgħid li ommha kienet iddur bihom waqt li missierha kien ikun xogħol, filwaqt li ommha kienet tiddejjen għat-tombla u logħob ta' lottu.

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

Il-konvenut xehed permezz ta' affidavit,[29] fejn jikkonferma li huwa u l-attriċi żżewġu nhar l-20 ta' Ġunju 1976, u kellhom tlett itfal illum maġġorenni. Jgħid li bintu ż-żgħira kienet marida u marret għal ħajja aħjar, iżda jisħaq li hija ma kenitx ir-raġuni għalfejn il-partijiet isseparaw.

Il-konvenut jispjega illi fiż-żwieġ huwa dejjem ħadem, mal-korpi u wara fil-ġebel, u għamel ukoll xi xahrejn il-Libja. Min-naħa l-oħra jgħid li martu qatt ma ħadmet, iżda kienet mara tad-dar tieħu ħsieb it-tfal. Kien jgħaddilha l-paga kollha u jgħixu biha, iżda kien hemm drabi fejn din ma kienetx isservi għaliex l-attriċi kienet tħobb tilgħab it-tombla. Barra minn hekk, il-konvenut jikkontendi li l-attriċi kienet tgħir għalih, fis-sens li ma kienetx tħallih jitkellem ma' ħadd, tant li

[24] Fol. 250.
[25] Fol. 263.
[26] Fol. 264.
[27] Fol. 277.
[28] Fol. 278.
[29] Fol. 268.

jallega li lanqas lil ommu ma seta' jmur jara. Kienet saħansitra toqgħodlu għassa u tiċċekjalu l-ħwejjeġ. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jinnega li qatt kien vjolenti jew li kellu problema tax-xorb.

Jgħid ukoll li l-aħħar argument li wassal lill-konvenut sabiex jitlaq mid-dar kien meta l-attriċi kienet iġġieldet mat-tifla l-fustanija, F u għalhekk ma riditx lill-konvenut ikellimha. Madanakollu l-konvenut jgħid li ftiehem ma' oħtu sabiex imur jara lil F għandha għax xtaq jaraha. Kif l-attriċi ndunat, hija ċemplet lil oħt il-konvenut u qaltilha li jekk il-konvenut ma kienx ħa jmur lura d-dar sad-9 ta' filgħaxija kienet ser tagħlaq il-bieb ta' barra u ma kienx ikun jista' jidħol. Jispjega li x'ħin lesta minn għand oħtu, huwa mar id-dar, fetaħ u ħa l-affarijiet kollha tiegħu. Ilu sseparat minn dak iż-żmien. Għamel xi żien jgħix għand oħtu, iżda wara mar xi żmien għand it-tifla F, fejn kellhom xi argument fuq it-tifel tagħha. Konsegwentament jgħid li waqa' u minħabba f'hekk spiċċa rikoverat l-isptar, fejn wara ġie riferut għall-isptar Mount Carmel taħt it-titolu ta' *homeless*. Fil-preżent qiegħed jgħix *f'home* ġewwa Wied il-Għajn. Fl-istess żmien l-attriċi bdiet proċeduri għal separazzjoni, iżda ma waslux għal ftehim, għalkemm kien inħareġ digriet nhar is-27 ta' Diċembru 2011, fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas manteniment ta' €180 fix-xahar.

Id-dar li kienet tinkera u l-affarijiet kollha ta' ġo fiha żammithom l-attriċi. Fil-fatt jgħid li l-attriċi għadha tgħix hemmhekk sal-preżent, madanakollu ma jafx x'sar minnha għaliex ma hemm l-ebda kuntatt bejniethom. Apparti dak li kellhom id-dar, huwa jikkontendi li ma kellhom l-ebda assi oħra bejniethom, u lanqas għandu fil-pussess tiegħu affarijiet li jappartjenu lilha. Huwa konsapevoli li fiż-żmien li telaq kien hemm kont pendenti mal-ARMS Ltd, iżda kiem ta' madwar elfejn Ewro (€2,000) u għalhekk dak li inkorriet l-attriċi wara li telaq hu mid-dar fl-2011 m'għandux ibatih hu.

Sabiex isaħħaħ il-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

a. *Dokument maħruġ mill-iSptar Mount Carmel nhar il-5 ta' Ġunju 2019, fejn ġie ċċertifiat illi l-konvenut daħal l-istess sptar nhar is-16 ta' Lulju 2016 u jinsab taħt il-kura tat-tabib Dr Joe Vella Baldacchino*;[30]

[30] Fol. 31a.

b. *<u>Affidavit ta' G H, ossija oħt il-konvenut, debitament maħluf nhar l-1 ta' Frar 2022 u ppreżentat l-4 ta' Frar 2022</u>*,[31] li kkonfermat l-verżjoni tal-konvenut;

c. *<u>Affidavit ta' D E, ossija bint il-partijiet, debitament maħluf nhar l-1 ta' Frar 2022 u ppreżentat l-4 ta' Frar 2022</u>*,[32] li kkonfermat ukoll il-verżjoni tal-konvenut.

*<u>Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern:</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a.* *<u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[33] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[34] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[35] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija,

[31] Fol. 270.
[32] Fol. 271.
[33] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[34] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[35] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[36] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[37] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[38]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[39]

b. <u>*Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*</u>

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[40] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi *"L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali".*[41]

[36]**F Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[37]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[38]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[39]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[40] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[41] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[42] fejn ġie dikjarat li: *"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika"*.

c. *Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba"*. Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[43] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli"*.

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[44] fejn il-Qorti sostniet illi: *"Biex jikkostitwixxi*

[42] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).
[43] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[44] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

*motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern:*

Mill-provi jirriżulta ċar illi l-partijiet iżżewġu nhar l-20 ta' Ġunju 1976, minn liema żwieġ il-partijiet kellhom tlett (3) itfal. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attriċi bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-kovenut, fejn tisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba: (i) l-vizzju tax-xorb tal-konvenut, u (ii) abbandun mid-dar matrimonjali wara l-mewt ta' binthom iż-żgħira, liema kwistjonijiet skont l-attriċi taw lok għal eċċessi, sevizzi, theddid, inġurji gravi, vjolenza domestika u abbadun.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija tara li l-allegazzjonijiet tal-attriċi ma ġewx minimament ippruvati. Għalkemm bint il-partijiet u kif ukoll il-konvenut in kontro-eżami, jikkonfermaw illi l-attriċi kienet tlesti lil konvenut flixkun inbid flimkien ma' flixkun luminata kuljum wara ġurnata xogħol, dan minnu nnifsu ma jippruvax li l-konvenut kien ikun xurban. Lanqas ma jipprova illi minħabba tali vizzju b'xi mod tkisser iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet, għaliex mill-atti jidher li l-attriċi kienet konsapevoli tal-gosti tal-konvenut u għal żmien sħaħ qatt ma lmentat dwarhom. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li lanqas ma ġie ppruvat li kien hemm lok sabiex l-attriċi tbaxxi rasha u żżomm il-paċi fil-familja, għaliex ma resqet l-ebda prova li turi li l-konvenut kien persuna aggressiv, vjolenti, jew li jkun mitluf minn sensih minħabba l-vizzju tax-xorb. Finalment, il-Qorti tara ukoll li l-abbandun li tallega martu kien wieħed inevitabbli minħabba l-karattru tal-attriċi. Il-Qorti ma tarax għaliex ma għandhiex temmen il-verżjoni tal-konvenut kif ikkorraborata minn oħtu u mit-tifla l-kbira tal-partijiet,, u ċjoe' li l-attriċi għandha karattru partikolari, kif ukoll li kellha l-vizzju tal-logħob tat-tombla u l-lottu. Għaldaqstant il-Qorti tara li ma hemmx raġuni għalfejn m'għandhiex tagħti piż probatorju lil dawn ix-xhieda, u mhux dik tal-attriċi, liema verżjoni ma ġiet ikkorraborata bl-ebda mod.

Nonostante s-suespost, il-Qorti tara ukoll illi l-familja B kellha dinamika ħażina, u ċjoe' illi jidher illi kien hemm problema ta' finanzi tant li dawn kienu dejjem jiddejnu. Dan ġie kkonfermat miż-żewġ partijiet, u jidher li tali self kien isir sabiex jinxtara l-inbid għall-konvenut u għal-logħob tat-tombla tal-attriċi.

Għalhekk fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara li ż-żewġ partijiet fil-verita' kkontribwixxew għat-tifrik taż-żwieġ, għaliex bl-attitudni tagħhom huma komplew jgħarrqu s-sitwazzjoni familjari tagħhom. Madanakollu, il-Qorti hija moralment konvinta, illi flimkien mal-problema finanzjarja, il-karattru tal-attriċi kompla jgħin sabiex iż-żwieġ jitkisser, l-istess ma jistgħax jingħad fil-konfront tal-konvenut u dan abbażi tal-provi li għandha quddiemha l-Qorti.

Għaldaqstant jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi lill-Qorti illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lill-attriċi ħatja għal tlett kwarti mit-tifrik taż-żwieġ, u lil konvenut għal kwart l-ieħor u dan minħabba inurji gravi fil-konfront ta' xulxin.

## 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluż li jitlef id-dritt li jiritha u kif ukoll li jitlob manteniment minn għandha.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, iż-żewġ partijiet ġew misjuba ħatja għat-tifrik taz-żwieġ, iżda kienet biss l-attriċi li resqet talba sabiex jiġu applikati s-sanzjonijiet kif elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant il-Qorti fiċ-ċirkostanzi, tara li għandha tilqa' t-talba tal-attriċi f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

## 4. Manteniment għall-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fit-tielet taqsima ta' din is-sentenza. Madanakollu l-Qorti tara illi ġialadarba l-attriċi ġiet ukoll misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ, u kif ukoll għal fatt li mill-atti jirriżulta illi l-attriċi għandha ukoll dħul mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, tali talba għandha tiġi miċħuda.

**5. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar l-20 ta' Ġunju 1976, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

*Fir-rigward tad-dar matrimonjali*, il-Qorti tara li ż-żewġ partijiet jikkonfermaw illi din kienet qiegħda tiġi mikrija lilhom, u li fil-preżent qiegħda tabita fiha l-attriċi. Għalhekk għal kull buon fini, il-Qorti tordna li tali fond, ossija *"X, X Street, Paola"*, ma tibqgħax isservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u li d-dritt ta' residenza fi kwalukwe każ u dan abbażi tal-ftehim li hemm *in vigore* għandu jgħaddi f'idejn l-attriċi waħedha.

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tara illi l-partijiet għandhom numru ta' kontijiet f'isimhom kif ukoll b'mod konġunt. Għalhekk il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih. Fir-rigward ta' dawk il-kontijiet konġunti, il-Qorti tordna li s-

*savings account* mal-HSBC Bank Malta plc għandu jingħalaq, filwaqt li l-kontijiet l-oħra fejn hemm bilanċ pendenti mill-partijiet konġuntivament fil-konfront tal-istess bank, dan għandu jitħallas miż-żewġ partijiet b'mod ugwali;

*Fir-rigward ta' dejn ma' ARMS Ltd*, dan għandu jitħalas mill-partijiet fis-segwenti kwoti, ċjoe' tett kwarti minnu mill-attriċi, filwaqt li l-kwart l-ieħor mill-konvenut;

*Fir-rigward tal-ħlas ta' kera*, il-Qorti tara li dan ma tressqet l-ebda prova u b'hekk mhux ser jittiehed in konsiderazzjoni.

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward ta' beni li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll assi dotali u parafernali, fil-kawza odjerna ma tressqet l-ebda prova ta' dan. Għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta din it-talba.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentament issib lill-attriċi ħatja għal tlett kwarti mit-tort ghat-tifrik taż-żwieġ, u lill-konvenut għal kwart l-ieħor u dan minħabba inurji gravi fil-konfront ta' xulxin;

2. Tiċħad it-tieni talba rigward il-manteniment għall-attriċi;

3. Tilqa' it-tielet talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tal-ħames (5) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'* izda tastjeni milli tinnomina nutar u kuratur;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tapplika *in toto* fil-konfront tal-konvenut dawk is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

5. Tiċħad il-ħames talba rigward il-krediti u proprjeta' parafernali tal-attriċi;

6. Tilqa' is-sitt talba u filwaqt li l-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 1261/1976, hija konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jiġu sapportati tlett kwarti mill-attriċi, u l-kwart l-ieħor mill-konvenut.